MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru 540/2010

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Hersey)
vs
Corrado Casagrande

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 31684A, akkuzat talli:
1. fis-16 ta' Mejju 2010 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-Qawra u partijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, impiega jew ta xoghol lill-persuna (Kristina Yankaukas passaport nru. CM2136506) persuna mhux ezenti u ma kellix licenzja moghtija lilha ghal dak l-impieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 32(1)(b) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. bhala persuna responsabbli tax-xoghol li kien qieghed isir gewwa 'Profuma Di...Ristorante Italiano', Triq Ball, Paceville, u nhawi ohra f'Malta, impiega persuna, Kristina Yankaukas ta' passaport nru. CM 2136506, li ma

kinitx cittadina ta’ Malta u meta din il-persuna ma kelliex permess tax-xoghol validu u ufficjali;
3. fl-istess cirkustanzi bhala principal jew il-persuna li timpiega persuni ohra, full time, part time jew xort’ohra b’kuntratt, definit jew indefinite, jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b’dan l-impieg kif hemm fl-Avviz Legali 110/1993 (Artikolu 7 u 3a);

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament, mhux opposta;
Sehmet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti;
Semghet it trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa gestur ta’ restaurant bl-isem ‘Profumo di Ristorante Italiano’ li jopera minn Triq Ball f’Paceville. Hu imputat li impiega jew ta xoghol lil certa Kristina Yankauskas mill-Uzbekistan fl-imsemmi restaurant. L-imputazzjoni tirreferi ghall- spezzjoni li fiha hadu sehem l-ufficjal prosekutur, akkompanjat minn tlett pulizija u addetti tal-ETC, nhar it-18 ta’ Mejju 2010. Minn fosthom xehdu l-ufficjal prosekutur, Ps 114 Massimo Persiano u Louis Buhagiar mill-ETC li ikkorroboraw lill-xulxin fis-sens li lkoll qalu li fil-gurnata in kwistjoni kienu osservaw lill-imsemmija Yankauskas tiehu l-platti minn fuq mejda ta’ klienti li kienu qed jieklu. L-ufficjal prosekutur fil-kors tax-xhieda tieghu stqarr li l-imputat kien semma li ‘ihaddimha u ihallasha 4 euro fis-siegha’. Semma wkoll li kienet liebsa bhal ‘waiters’ l-ohra igifieri qmis sewda u qalziet iswed. Referibilment ghal dawn iz-zewg fatturi huma issemmew ukoll mill-addett tal-ETC li zied, fuq domanda tal-prosekuzzjoni, li frattemp u wara l-ispezzjoni, nhareg ktieb tax-xoghol lill-imsemmija Yankauskas .
L-imputat xehed u xhedet ukoll Yankaukas. Sostnew li hi kienet tinsab fir-restaurant biex tirrimpjazza missier l-imputat li inserta imsiefer. Sostnew li ma kienitx impiegata izda kienet marret bi pjacir billi lill-imputat kienet tafu u ta’ spiss kienet tmur ma’ binha li kien ta’ eta’ zghira. Kienet

wkoll tabita proprju faccjata tar-restaurant flimkien mas-sieheb taghha.

Ikkonsidrat:

Li mill-provi fl-assiem taghhom l-Qorti nisslet fiha konvinciment li f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni rnexxiet tipprova il-kaz taghha kontra l-imputat. Fil-kaz 'de quo' mhux ta' minn jiskarta minghajr raguni impellenti x-xhieda tal-ufficjal prosekutur u l-ufficjal tal-ETC.
Rat ghalhekk l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217, Regolament 3,7(a) tal-Aviz Legali 110/93 u Artikolu 17 tal-Kap 9.
Issibu hati tar-reati migjuba kontra tieghu. Tikkundannah mitejn Euro multa.

A.M.Trigona
Magistrat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------